MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2009

Avviz Numru. 389/2008

**David Martin**

**Vs**

**Goldvest Company Limited**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti socjeta Goldvest Company Limited pprezentat fir-Registru ta' din l-Qorti nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Novembru 2008 fejn ippremetiet s-segwenti:-

"Illi s-socjeta rikorrenti rceviet kopja ta' Cedola ta' Depozitu ta' PL Francesca Scerri ghan-nom w in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c (C 2833) bid-data tlettax (13) ta' Novembru 2008 somma depositata Euro 1,422.13.

Illi l-imsemmija somma m'hiex dovuta lil David Martin.

Difatti hemm proceduri gudizzjarji quddiem it-Tribunal Industrijali fl-ismijiet “Fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn David Martin Vs Goldvest Company Limited (C 18266)” (Kaz Numru 2570/HW) li hija differita ghal ghoxrin (20) ta’ Jannar 2009 fis-saghtejn ta’ wara nofsinhar (2.00p.m).”

Illi konsegwentement talbet li l-imsemmija somma ma tinghatax lilu ma tigix zbankata minn David Martin ghaliex jigi pregudikat l-ezitu tal-kwistjoni u tal-procediment quddiem it-Tribunal Industrijali fuq riferit.

Rat id-digriet taghha tas-sitta w ghoxrin (26) ta’ Novembru 2008 fejn ordnat notifika lill-kontroparti b’erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-intimat David Martin pprezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar id-disgha (9) ta’ Dicembru 2008 fejn espona s-segwenti:-

“1. Illi l-Mandat ta’ Sekwestru de quo sar sabiex jikkawtela kreditu li l-esponent ghandu kontra s-socjeta Goldvest Company Limited ghall-ammont ta’ elf erba’ mija u tnejn u ghoxrin euro u tlettax-il euro cetesmu (Euro l,422.13) bhala hlas t’arretrati ta’ *leave* dovut lilu sat-tmienja (8) ta’ Jannar 2008 u cioe d-data li fiha kien terminat minn Goldvest Company Limited l-impieg tieghu bhala General Manager tal-Imperial Hotel li hija gestita mill-istess Goldvest Company Limited.

2. Illi l-pretensjoni tal-esponent kienet il-mertu ta’ kawza fl-ismijiet “David Martin vs Goldvest Company Limited” (Avviz Numru 781/2009 MK) li nstemghet mit-Tribunal Ghat-Talbiet iz-Zghar.

3. In segwitu ghan-notifika tal-Mandat, il-Bank of Valletta plc bhala sekwestratarju, effetwa depozitu tal-ammont fuq riferit taht l-awtorita ta’ din il-Qorti.

4. Ghalkemm Goldvest Company Limited tghid li l-ammont mhux dovut, dan mhux minnu, ghaliex permezz ta’ decizjoni moghtija mit-Tribunal Ghat-Talbiet iz-Zghar fit-tnejn (2) ta’ Dicembru 2008 fil-kawza fl-ismijiet David

Martin VS Goldvest Company Limited (Avviz Numru 781/2008MK), l-esponent kien kanonizzat kreditur tas-socjeta Goldvest Company Limited fl-ammont fuq riferit, liema socjeta kienet ikkundannata thallas ukoll l-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

5. In oltre, r-riferenza li Goldvest Company Limited qed taghmel ghal kaz pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali, hija ghal kollox irrelevanti ghall-mertu tal-kawza deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet iz-Zghar ghaliex waqt li fil-kawza deciza mit-Tribunal ghat Talbiet iz-Zghar si trattava ta' kreditu ghal hlas ta' *leave*, il-mertu quddiem it-Tribunal Industrijali huwa ghal kollox differenti ghax jitratta esklussivament it-tkexxija tal-esponent mill-impieg da parti ta' Goldvest Company Limited li ma kienitx tajba u sufficjenti skond il-ligi, w ghalhekk saret talba ghall-likwidazzjoni ta' kumpens gust w adegwat a favur l-esponent, segwita minn talba ghall-kundanna tas-socjeta ntimata ghall-hlas tal-kumpens hekk dikjarat bhala dovut lill-esponent."

Konsegwentement talab, li fl-isfond tal-premess, li din l-Onorabbli Qorti jghogobha tichad talba tas-socjeta Goldvest Company Limited.

Rat id-digriet taghha tad-disgha (9) ta' Dicembru 2008 fejn appuntat r-rikors ghas-smiegh ghal nhar il-Ħamis, ħdax (11) ta' Dicembru 2008.
Rat ir-rikors tal-avukat difensur tas-socjeta Goldvest Company Limited pprezentat fir-Registru nhar l-ghaxra (10) ta' Dicembru 2008 fejn talab differiment ghas-smiegh tal-kawza.

Rat il-verbal taghha tal-hdax (11) ta' Dicembru 2008 fejn il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti u ddiferiet il-kawza ghat-tmienja (8) ta' Jannar 2009.

Rat illi fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Jannar 2009 ir-rikorrenti ma dehrx u lanqas deher l-avukat difensur tieghu.

Semghet l-avukat difensur tal-intimat jittratta fis-seduta tat-tmienja (8) ta’ Jananr 2009.

Rat id-dokumenti esebiti fis-seduta tat-tmienja (8) ta’ Jannar 2009 u cioe is-sentenza moghtija mit-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar nhar it-tnejn (2) ta’ Dicembru 2008 fl-ismijiet **David Martin vs Goldvest Company Limited** fejn is-socjeta Goldvest Company Limited giet kanonizzata debitrici ta’ David Martin fis-somma ta’ elf erba’ mija u tnejn u ghoxrin euro u tlettax-il euro centezmu (Euro l,422.13) u dan wara li laqghet it-talba tieghu li kellu jiehu arretrati ta’ *leave* dovut lilu sat-tmienja (8) ta’ Jannar 2008.
Rat ukoll il-Mandat ta’ Sekwestru numru 3065/08 fl-ismijiet David Martin vs Goldvest Company Limited fejn il-kawzala tieghu kien dwar hlas t’arretrati ta’ *leave* dovuti mis-socjeta Goldvest sat-tmienja (8) ta’ Jannar 2008.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-atti proceswali jirrizulta li David Martin illum huwa kreditur tas-socjeta Goldvest Limited fis-somma ta’ elf erba’ mija u tnejn u ghoxrin euro u tlettax-il euro cetesmu (Euro l,422.13) skond sentenza moghitja mit-Tribunal Ghat-Talbiet iz-Zghar nhar it-tnejn (2) ta’ Dicembru 2008 kif fuq imsemmija u rat li l-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatoru li hareg fil-wiehed w ghoxrin (21) t’Ottubru 2008 li jgib in-numru 3065/08 fl-ismijiet David Martin vs Goldvest Company Limited u li hareg fuq din l-istess pretensjoni.

**Illi ghalhekk m’hemmx dubbju li l-flejjes depositati permezz ta’ Cedola ta’ Depositu minn Francesca Scerri ghan-nom tal-Bank of Valletta datata tlettax (13) ta’ Novembru 2008 fl-ammont ta’ elf erba’ mija u tnejn u ghoxrin euro u tlettax-il euro cetesmu (Euro l,422.13) kif maqbuda permezz ta’ Mandat ta’ Sekwestru numru 3065/08 fuq imsemmi huma llum dovuti lil David Martin fl-intier taghhom u ghaldaqstant tiddeciedi li t-talba rikorrenti llum mhiex gustifikata w ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------